April 2003 • Vol 10 • Nru.11

# IL-PULIZIJA

xogħolna w ħajjitna fil-Korp



## Il-Ħidma tal-Pulizija fir-Referendum u l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali

## A Profile of the Registry of Companies

## Dixxiplina jew Responsabbilta`? (it-tieni parti)

## Minn Ġewwa l-Akkademja (it-tieni parti)

PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS

THE GLOBAL GROUP

**The best of health and care**

# "Planning for good health today and tomorrow is easy when you think about it"



**www.bupamalta.com**

From the moment you are born, your wellbeing is in the hands of other people. As you get older, your health continues to be vital to your everyday life. Over 4,000,000 members worldwide, rely on BUPA to look after their health insurance needs. For more details on all BUPA HEALTH CARE SCHEMES kindly contact us on **21 342 342**.

**Trust us to care.**

BUPA Malta

**BUPA Agencies Ltd.**
120 The Strand · Gzira GZR03 · Malta
Tel: [+356] 21 342 342 · Fax: [+356] 21 333 100
E-mail info@bupamalta.com
www.bupamalta.com

BUPA Agencies Ltd is authorised to act as an insurance agent under the Insurance Business Act, 1998 for BUPA Insurance Ltd in the class of sickness insurance and in long term business on behalf of British American Insurance Co. (Malta) Ltd.

# IL-PULIZIJA

**April 2003**



**Il-Ħidma tal-Pulizija fir-Referendum u l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali** 03

Avveniment Nazzjonali bħal ma kien ir-Referendum u l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali tat-8 ta' Marzu 2003, involva xogħol tremend minn naħa tal-Pulizija kemm qabel, waqt, kif ukoll wara l-imsemmija elezzjonijiet.



**Id-Depot tal-Pulizija** 07

Il-Bini li llum nafuh bħala id-*Depot* tal-Pulizija kien iservi ta' Sptar Ċentrali. Dan il-bini kien mibni mill-Gran Mastru de Vilhena fl-1725. Il-Pulizija daħlet f'dan il-bini fil-5 ta' Jannar, 1954. Minn dak iż-żmien s'issa baqa' jintuża bħala l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.



**A Profile of the Registry of Companies** 10

After almost thirty years that the Commercial Partnership Ordinance had been in force, legislators felt the need to update the laws governing companies to meet the ever-changing demands and developments in the world of commerce and finance. The Companies Act, 1995 was introduced in place of the Ordinance on 1st January 1996.



**Minn Ġewwa l-Akkademja** 13

Kien tajjeb ħafna r-rekluttaġ ta' 100 membru ġdid li bdew id-dinja polizjeska. Kif diġa' irrapurtajna, fil-ħarġa ta' Jannar, dawn ingħataw il-ġurament tal-ħatra fejn l-għada dawn bdew it-triq li għażlu.

Fir-ritratt t'hawn fuq qed naraw uħud mir-rekluti ġodda waqt żjara ġewwa l-*control room.*




**Dixxiplina jew Responsabbilta`** 21

Hemm bżonn li kulħadd jifhem xi tfisser dixxiplina. Kull wieħed minnha jrid jaħdem b'sieħ għaliha jekk ifalli wieħed ikun falla ħafna min dak li rridu nagħmlu u fejn irridu naslu.



**Għaqda tal-Puliija Pensjonanti** 25

Attivita' mistennija ta' kull sena hija l-istedina tal-Kummissarju fi żmien il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Din is-sena, din l-attivita' saret nhar il-Ħadd, 5 ta' Jannar, 2003 u bdiet b'Quddiesa fill-Kappella tad-Depot mill-Kappillan tal-Korp, ir-Rev. Fr. Raniero Zammit.

Membri tal-Bord Editorjali:
Spettur Kenneth Haber
Spettur David Saliba
P.S. 860 Keith Caruana
W.P.C. 93 Carol Fabri

"il-Pulizija" tirringrazzja lid-ditti w aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom u nheġġu lill-qarrejja biex jagħmlu użu minnu.
Kull korrispondenza għandha tkun ittapjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:
Editur "il-Pulizija"
C.M.R.U.
Police Headquarters
Floriana CMR 02

Il-materjal li jiġi pubblikat f'dan il-magażin mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.

© C.M.R.U. Police Headquarters, April, 2003

*Aġenti għar-reklamar:*

mm

*millennium markering*
Johnny Catania Street, Msida
tel/fax: 2133 6481
mob: 7989 9492


PORTOMASO
entertainment complex
Smoked Ribs
WE PROUDLY SERVE
AAA CANADIAN BEEF
AND NOW THE NEW CANADIAN
ANGUS PRIDE BEEF !
Beef
AngusPride
Buffalo Bill's
STEAK HOUSE
For Reservations Tel: 21 389290
CAESAR'S CAFÉ
THE COFFEE SHOP
For reservations Tel: 21 389300
PORTO VINO
Wine Bar
Porto Vino Wine Bar and The Cigar Room • Tel: 21 389289
RIO
A TRUE BRAZILIAN RESTAURANT
BRAZILIAN
BRAZILIAN RESTAURANT
For reservations Tel: 21 383345
THE LIVING ROOM
Lounge Bar
Suitable for Couples
Don Antonio's
FRESH FISH & PASTA
For reservations Tel: 21 384100
禅
Zen
Sushi & Japanese
Cuisine
For reservations Tel: 21 386 500




Jikteb l-Isp. K. Haber (B.Comm) imexxi l-*Internal Affairs Unit* u l-*Community and Media Relations Unit*

# Il-Ħidma tal-Pulizija fir-Referendum u l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali

Avvenimenti Nazzjonali bħal ma kienu r-Referendum u l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali tat-8 ta` Marzu 2003, involva xogħol tremend minn naħa tal-Pulizija kemm qabel, waqt, kif wkoll wara l-imsemmija elezzjonijiet.

Jekk wieħed jibda` mit-tqassim tal-voti, ta' min jinnota li kważi mitt Pulizija qasmu d-dokument tal-vot tal-Kunsilli Lokali, waqt li tlett mitt Pulizija kienu nvoluti fit-tqassim tal-voti tar-Referendum. Ix-xogħol kompla jiżdied fil-ġranet ta` qabel jum l-elezzjoni propju meta membri tal-Korp skortaw u għamlu għassa mal-kaxxi tal-voti fil-postijiet ta` votazzjoni. Fil-ġurnata propja ta` l-elezzjoni, jigifieri fit-8 ta` Marzu il-fuq minn 600 membru tal-Korp kienu xogħol mal-polling booths, fuq xogħol ta` sigurta`, kontroll tal-*ques* u tħaris tal-liġijiet u regolamenti dwar elezzjonijiet. Minħabba li xogħol il-Pulizija jrid jibqa` għaddej irrelevanti minn l-attivitajiet li jkunu għaddejin, mas-600 membru oħra tal-Korp kienu *on duty* fl-għasses, fil-*branches* u taqsimiet speċjalizati tal-Korp fil-ġurnata ta` l-elezzjoni propja. Ħafna minn dawn ħadmu fuq *shifts* ta` *six on, six off* bil-għan li jiġi kkumpensat in-nuqqas ta` nies, u għalhekk il-poplu jibqa` moqdi, irrelevanti minn dak li jkun

YOUR ULTIMATE PEACE OF MIND

# datatrak systems ltd

SOLID FOUNDATIONS. YEARS OF RESEARCH.

SIX FIGURE INVESTMENTS AND YEARS OF EXPERTISE...

This is Datatrak Systems Limited. Unique in its market. Providing security systems using the latest state-of-the-art technology for up-to-the-minute management of information, two-way data communication, accurate location of resources, tailor-made exception reporting - offered for 24 hours, 365 days of the year.

Datatrak's clients include major public entities such as the Malta Police Force, a myriad of private commercial companies, a number of boats (both pleasure and fishing crafts), a long list of properties and private motor vehicles. Indeed, Datatrak's overall package of services makes it definitely the ultimate security money can buy!

**Trakbak** *About 8 cars are reported stolen every day! Better be safe then sorry - install a Trakbak system and enjoy discounts on your insurance premiums.*

**Boatrak** *Boatrak keeps track of your movements at from the quay to the open sea. It makes virtually impossible for your boat to get lost or stolen*.*

**Fleetrak** *This system monitors commercial fleets, track their movements all over Malta & Gozo* ensuring your full control on logistics and operations.*

**Alarmtrak** *This system compliments your alarm, ideal for both home & business ensuring complete, tamper proof security using the latest telemetry aplications.**

**datatrak systems works in conjunction with the Malta Police Force*

Visit the company's web site for a more comprehensive view of what this company can do for you at

**www.datatrak.com.mt**











F.26 Mosta Technopark MST 13 Malta Tel:21421050 Fax:21421049 http: //www.datatrak.com.mt e-mail: info@datatrak.com.mt

MINISTERU TA' L-INTERN
U L-AMBJENT

MALTA

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS
AND THE ENVIRONMENT

stru

*The Minister*

11 ta' Marzu 2003

Kummissarju tal- Pulizija
Kwartieri Generali tal-Pulizija
Furjana

Għażiż Kummissarju,

Nixtieq nirringrazzja permezz tiegħek lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija, li b'lealta' lejn il-ġurament li ħadu, wettqu tajjeb id-dmirijiet tagħhom matul il-kampanja referendarja, u b'mod partikolari fil-jum tal-votazzjoni fir-Referendum, u fil-jiem ta' wara.

L-impenn tal-Korp tal-Pulizija li kollox jimxi kif suppost u skond il-liġi, ġ apprezzat mill-kotra kbira tal-poplu. Li twettaq il-liġi mingħajr biża jew fav mhux kompitu faċli, iżda l-imġieba u l-organizzazzjoni tal-Korp kemm waqt kif u' wara l-jum tar-Referendum, urew li dan hu pajjiż ċivilizzat fejn l-ordni pubbliku mħares b'mod denn mill-Korp tal-Pulizija.

Filwaqt li nittama li dan l-impenn jerġa' jiġi muri u mwettaq fil-Kampanja el li għadha kif bdiet, nitolbok li twassal lill-uffiċjali u membri tal-K ringrazzjament ta' kulħadd għal biċċa xogħol mwettqa tajba.

Inselli għalik,

TONIO BORG

DOMINE DIRIGE NOS

Lill-kollegi tiegħi Pulizija

Nixitieq nuri l-apprezzament tiegħi lejn kull wieħed u waħda m mod professjonali u dixxiplinat li intom wettaqtu fid-doveri tagħ kampanja tar-Referendum. Partikolarment f'dawn l-aħħar jiem.

Jiena bħala Kummissarju tal-Korp inħossni kburi bil-mod kif ġibna wettaqna d-doveri mitluba minna. Anke` f'ċirkostanzi diffiċli fejn l-i tagħna kien meħtieġ immedjatament. Nemmen li kieku ma' kienx h intervent tagħna f'waqtu, il-konsegwenzi setgħu kienu agħar. Il-mod weġibna għar-responsabbilta` tagħna fiż-żamma ta' l-ordni u l-kwiet liku, l-inċidenti li ġew rapurtati li seħħew kienu ftit. Intom agħmiltu ikta dak kollu li ġejtu mitluba li tagħmlu, anke` kultant b'periklu għal saħħitk wara għeja ta' siegħat twal ta' xogħol. Dan jikkonfermawh il-ħafna kum pożittivi li jiena rċevejt fuq il-mod ta' kif weġibna għad-doveri tagħna wa tħabbar ir-riżultat tar-Referendum. Issa deħlin f' kampanja elettorali oħra, pajjiż għandu bżonn is-servizz tagħna. Għaldaqstant inħeġġiġkom sabiex tkomplu tgħaqdu d-doveri tagħkom bl-aktar mod responsabbli għall-ġid tal- kommunita`.

Mill-ġdid nixtieq nirringrazzjakom ta' dan kollu u j'Alla l-Mulej iżżomm idejh fuqna u jkompli jiggwidana fil-qadi tad-doveri tagħna.

Inselli għalikom,

JOHN RIZZO
Kummissarju tal-Pulizija

qiegħed iseħħ. Minbarra dawn mal-260 pulizija kienu *on stand-by* id-Depot, għal dak li seta jinqala.

L-għada il-Ħadd, *stand-by* id-Depot kien hemm iżjed minn 650 Pulizija, filwaqt li it-Tnejn n-numru kien ta` madwar 670 Pulizija.

Mija u tmenin Pulizija oħra kienu *on-duty* ġewwa l-Kumpless ta` l-Għadd tal-Voti f'Ta` Qali waqt il-jiem ta` l-għadd tal-voti. Dawn jinkludu wkoll Pulizija mit-Taqsima tal-Klieb u Kavallerija li kienu għassa fuq il-parti ta` barra ta` dan il-kumpless, kif ukoll il-*canteen* li kien mmanjat mill-Pulizija ġewwa l-istess umpless.

Mingħajr ma` nieħu l-ebda mertu ta` kull membru tal-Korp li lkoll bħal dejjem iridu jiġi mfaħra għax-xogħol eżemplari u siewi li għamlu, inħoss li għandi nagħmel aċċenn speċjali għat-team ta' Pulizija li jimmanjaw l-*Other Ranks Canteen* u l-*Office Mess*. Ta` min jgħid li f`dawn l-aħħar xhur wara *refurbishment* estensiv li sar ġewwa l-kċina u l-impenn li qed jagħtu dawn il-Pulizija kelna qabża sostanzjali fil-kwalita ta` l-ikel. Dan kien evidenti fl-ikliet mogħtija waqt dawn ir-rinforzi, li b'kollox laħqu l-fuq minn 4000 ikla.

Kemm il-Ministru ta` l-Intern u Ambjent, kif wkoll il-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur John Rizzo bagħtu messaġġi ta'

ringrazjament u apprezzament fejn faħħru x-xogħol leali u siewi li għamlet il-Pulizija anke f'ċirkostanzi diffiċli, b`perik-lu għas-saħħa, u wara sigħat twal ta` xogħol fiż-żamma tal-bon ordni, b' kon-segwenza, li l-inċidenti kienu ftit. Kien imħeġġeġ ukoll li l-istess impenn jin-twera fil-kampanja elettorali, kif fil-fatt sar.




BALLUT BLOCKS LTD. WIED FILEP, L/O NAXXAR
TEL: (356) 2157 3093, 2157 2666 FAX: (356) 2157 5562




PS 691 Carmelo Abdilla waqt l-intervista' ma' John Frankalanza, ġewwa l-uffiċju tiegħu.

Fuq: It-tinda li kien hemm qabel ma tidħol id-Depot.
Isfel: Waħda mill-btieħi li kien hemm ġewwa id-Depot.
Ħajr: Ed. Attard ~ Il-Pulizija ta' Malta

# Id-*Depot* tal-Pulizija

Il-Bini li llum nafuh bħala id-*Depot* tal-Pulizija kien isservi ta' Sptar Ċentrali. Dan il-bini kien mibni mill-Gran Mastru de Vilhena fl-1725. Il-Pulizija daħlet f'dan il-bini fil-5 ta' Jannar, 1954. Minn dak iż-żmien s'issa baqa' jintuża bħala l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Għal ħafna nies kemm meta dan il-bini kien Sptar Ċentrali, kif ukoll bħala id-*Depot* tal-Pulizija, jibqa' magħruf għal diversi ġrajjiet li seħħew mal-milja taż-żmien.

Kien is-Sibt 27 t' Ottubru, 2002 ġewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija meta ltqajt ma John Frankalanza, raġel ta' 72 sena, mwieled Bormla u joqgħod il-Belt Valletta. John għandu storja tassew interessanti dwar dan il-post, li ser teħodna lura għal 68 sena ilu.

Jiftakar sew meta kien għad kellu erba' snin u nofs, kien jilgħab ma' nannuh fil-bitħa tad-dar, ġewwa Bormla. Ġara li darba daħal qattus, iżda għalkemm ippruvaw igerxxuh għal barra, dan tant beża' li spiċċa laqgħat qasrija u waqgħat f'idejn John. Billi r-reċipjent li kienet fih il-qasrija kien kollu sadid, nannuh ħadu għand it-tabib Jaccarini li kien iservi l-Isla, biex iddewieh. Wara li ttaqab kontra tetnu, it-tabib qallu biex ikompli jmur għal kura l-Isptar Ċentrali. John kien imur ma' zitu l-Isptar Ċentrali li llum nafuh bħala id-*Depot* tal-Pulizija biex jikkuraw subgħajh. Wara li kien mar xi tlett darbiet l-Isptar, kienu qalulu li kien ser jitlef sebgħu minħabba li kien ikkankralu.

Meta kiber John mar jaħdem it-Tarzna u wara emmigra għal xi żmien l-Awstralja. Wara li reġa ġie Malta, beda jgħallem fl-Iskola Teknika ta' Raħal Gdid. Dan dam jagħmlu mill-1961 sa 1972. Huwa kien jgħallem s-sengħa tad-dawl.

Illum John huwa pensjonant u l-aktar delizzju li hu għal qalbu huwa s-safar, fejn qalli li l-aktar post li jħobb imur huwa l-Germanja, li żar għal aktar minn seba' darbiet.

LADIES' RUNNING CLUB

Sgt. Zammit
Police General Headquarters
Floriana

26th September,2002

Dear Sir,

The Ladies' Running Club would like to express its ... procuring the assistance of the traffic police on Fri... our fun run and six mile race.

With such a large number of participants or... police was imperative and everyone agre... marvellous job in guiding the traffic wh...

...ease convey our thanks to all co...

...rs Faithfully,

...a DeGaetano
...tary LRC

ADDRESS:

---

National Blood Transfusion Service

St. Luke's Hospital, G'Mangia, Malta
Tel: 238756, 234767, Fax (356) 250163 (24 hr) 255328 (office hrs)
angelo.degiorgio@magnet.net.mt, mobile phone 99836271

31st January

Fax 242223

Attention Ms Carol Fabri
WPC 93
CMRU Police Headquarters

**Blood Drive at the Police Headquarters, Floriana, the 30th January 2002**

Dear Ms Carol Fabri

On the behalf of the management of the National ... Transfusion Department and of the patient, I wou... PS Mr. Joseph Ciappara who organized the bloo... police commissioner, Mr. John Rizzo and all thos... donate blood. We had 25 callers and 18 were a... blood. We consider this drive as a success.

I thank once more all those who helped in or... and hope that we hear from you again to org... event.

Best regards

Ange...
Nursin...
Nationa...

---

GWU MALTA

Is-Sur John Rizzo,
Kummissarju,
Kwartieri Generali,
Floriana

Ghaziz Sur Rizzo,

F'isem il-GWU nixtieq nirrin... nghatat il-GWU sa minn qab...

Nixtiequ nuru l-apprezza... nhar il-Hadd u t-Tnejn k...

Filwat li nselli ghalik, na... dan ir-ringrazzjament lill-Membr... mas-sigurta li nghatat il-GWU.

Grazzi,

Dejjem tieghek,

TONY ZARB
Segretarju Generali

---

...wi... Inspec... force. We... too are a cred...

Finally we wish to th... thanks be conveyed to th...

Yours faithfully

A R J Wright
Detective Constable

---

# Efficient Mobile Squad

*From Ms Louise Camilleri*

A WORD of praise and appreciation goes to the Mobile Squad units. Their rapid response in answering to a call from Fgura about an attempted break-in, on January 9 exceeded all expectations.

The first unit was on site within less than five minutes of the call being made, with the district police car and another mobile unit, both following within minutes of each other. The culprits were not apprehended only because they aborted the attempt seconds before the unit's arrival.

L. CAMILLERI
Fgura.

# Apprezzament mill-Pubbliku

## Xogħolna apprezzat minn Maltin u barranin



...002

...held on

...ood
...like to thank
...drive, the
...who called to
...owed to donate

...way ...

South Wales Police
Working with the Community
CHIEF CONSTABLE
A T BURDEN, QPM, BSc (Hons)

Heddlu De Cymru
Cydweithio Gyda'r G...
PRIF...

Your ref:
Our ref: FS/1854/MLR
Tel: 00 44 29 20774239
Fax: 00 44 29 20774249

25th September 2002

The Commissioner of Police
General Police Headquarters
Floriana
Malta

Dear Sir

We recently conducted enquiries in Malta in relation to crimes co...
Assistance was received in this matter from Inspector Helga Debono a...
Formosa and David Portelli.

...spector Debono was of tremendous help in assisting in the conduct of the e...
...ut her, the visit, which was very successful, would not have attained its ob...
...Debono was thoroughly professional throughout the visit and was a cred...
...ould also like to thank Constables Formosa and Portelli for their help, a...
...o the Maltese police.

...k you for allowing these officers to assist and ask that our personal
...n.

J Nelson
Detective Constable

Flat 13, 14A Ghar il-Lem...
Sliema SLM 16.
July 23, 2002.

Commissioner of Police,
Police Headquarters,
Floriana.

Sir,

I enclose a copy of a self-explanatory letter which I have addressed to Serg...
Gerada at the Police Station in Manwel Dimech Street, Sliema.

My wife and I phoned Sgt Gerada a number of times on the matter and he unf...
only listened to our complaint with the utmost courtesy, but also took prompt acti...
owners of the establishment. Not only that, but he even took the initiative to phone...
to enquire whether the owners were complying with his instructions. This demon...
initiative has prompted me to write this note.

I felt I should convey to you my appreciation of Sgt Gerada's dedicated service to th...
and I am sure you will be pleased to receive confirmation of the efficient service perfo...
your officers.

Yours faithfully,

Edgar Wadge

# A Profile of the Registry of Companies Part 1

## The role of the MFSA in the Maltese Economy

The Malta Financial Services Authority (MFSA) is the country`s single regulator for all banking, investment and insurance business. The Malta Financial Services Authority is an autonomous body set up by law.

Established in October 2002, the MFSA undertakes and is responsible for all regulatory and supervisory functions carried out by the Malta Financial Services Centre and the Central Bank of Malta. It is also planned that it would also regulate the activities of the Malta Stock Exchange in the near future.

Continuous initiatives are being undertaken to enhance, amend and consolidate the existing legislations which regulate these main areas so as to bring them in line with European Union (EU) standards thus presenting Malta`s finance industry in the forefront within the EU scenario. These ongoing initiatives have boosted our financial services sector which today accounts for 12% of GDP, employs more than 5,000 people and enjoys a high reputation among international financial centres.

## The Registry of Companies: Its Progress

Since 1st April 1997, the MFSA houses the Registry of Companies which today boasts of more than 30,000 companies registered with the Register of Companies. Prior to this date, the Registry formed part of the Department of Trade. Up to 1996, companies were regulated by the Commercial Partnerships Ordinance of 1962 which had originally introduced company law principles into maltese laws and introduced the role of the Registrar of Partnerships who is the official responsible for the Registry.

After almost thirty years that the Ordinance had been in force, legislators felt the need to update the laws governing companies to meet the ever-changing demands and developments in the world of commerce and finance. The Companies Act, 1995 was introduced in place of the Ordinance on 1st January 1996.

| Private Company | Public company |
|---|---|
| Restricts the right to transfer shares. | Does not restrict transfer of shares. |
| Prohibits invitation to the public to subscribe for any shares or debentures of the company. | May offer shares or debentures to the public. |
| Capital composition must not be less than Lm 500 and 20% of the value of each share must be paid upon subscription. | Capital composition must not be less than Lm 20,000 and 25% of the value of each share must be paid upon subscription. |
| Limits the number of shareholders to 50. | Shareholders may exceed 50 in number. No maximum number is imposed. |
| Must have at least one director. | Must have at least two directors. |
| Cannot be listed on the Stock Exchange. | May be quoted on the Stock Exchange. |
| Must include limited after the name of the company | Includes public limited company or p.l.c. after the name of the company. |

Table 1: Distinctions between private and public companies.

## The Registrar of Companies: His Functions

The Registrar of Companies has the general duty to ensure that companies comply with the various provisions of the Companies Act.
The Registrar performs the following functions:

(a) Registers companies and other commercial partnerships including the registration of statutory documents;

Written by Cynthia Debono Mizzi B.Com (Hons) graduated from the University of Malta in Business Management in 1998. She has been working with the MFSA for the past 6 years where she currently holds the post of Manager within the Company Compliance Unit.



(b) Issues good standing certificates;

(c) Reserves company names;

(d) Charges and collects prescribed fees;

(e) Provides public information on registered companies;

(f) Maintains an updated company information database;

(g) Inflicts penalties for non-compliance with the law.

| Details (Year) | Limited Liability Companies | Partnerships (En nom collectif/En commandite) |
|---|---|---|
| 1999 | 1678 | 60 |
| 2000 | 1837 | 56 |
| 2001 | 1616 | 57 |
| 2002 | 1639 | 58 |

Table 2: Commercial Partnerships Registrations for the years 1999, 2000, 2001 and 2002
Source: Registry of Companies (MFSA)

## Types of Commercial Partnerships

A commercial partnership is a binding agreement whereby two or more persons agree to embark on an enterprise with a view to sharing the benefits derived from the exercise of one or more acts of trade. The fundamental principle on which partnerships are based is primarily that greater results and more advantages are achieved from the combination of capital, labour and initiative of several persons.

A commercial partnership can be of three types:

- A partnership en nom collectif; or
- A partnership en commandite; or
- A limited liability company.

A partnership en nom collectif may be formed by two or more partners and has its obligations guaranteed by the unlimited and joint and several liability of all the partners. In a partnership en commandite, not all partners are personally liable for the obligations of the partnership. A partnership en commandite has its obligations guaranteed by the unlimited and joint and several liability of one or more partners, called general partners and by the liability, limited to the amount, if any, unpaid on the contribution of one or more partners, called limited partners. In a limited liability company, the shareholders are protected by limited liability and the members can benefit from the profits while not being personally responsible for its debts. Upon registration, the three forms of commercial partnerships acquire a legal personality distinct from that of its members. This means that a commercial partnership has the power to sue and be sued, to acquire and dispose of property.

## Why is the limited liability company popular?

(a) A company provides continuity since the death of a shareholder does not affect the structure of a company and does not result in the termination of a company.

(b) It is inexpensive to set up a company. The minimum paid up share capital imposed by law for a company is Lm 500, 20% of which must be paid up (Lm 100) and the minimum registration fee for this capital structure is Lm 100.

This article will be continued in the forthcoming issue where a guide to the formation of a company will be provided and readers will become familiar with the contents of the Memorandum & Articles of a company.

# Is your security system alert 24 hours a day?

BELL
Chubb

## Feel Safe

Philip Toledo Ltd. has been in the security business for over fifty years, and is the sole local distributor for the world renowned **Chubb** and **Bell** security products including:

- Intruder Alarms
- Fire Alarms
- Access Control Units
- Closed Circuit TV
- Security Safes
- Document Fire Safes
- Computer Media Safes
- Integrated Security Systems





BSI REGISTERED UKAS QUALITY MANAGEMENT 003

ISO 9002 Certificate No. FS 55188

**PHILIP TOLEDO LIMITED**
Computer & Communication Solutions

Notabile Road, Mriehel BKR01. Tel: 21 44 55 66 Fax: 21 48 43 16
e-mail: info@ptl.com.mt www.ptl.com.mt

22494 - 02/2002



# Minn Ġewwa l-Akkademja

(it-tieni parti) jikteb is-Supt. R.G. Zammi

**Ħarsa lura lejn s-sena 2002**

Nibda biex ngħid grazzi lil Alla. Għalaqna sena' oħra mimlija mpenji ta' taħriġ pulizjesk fuq suġġetti diversi. Kienet sena' sodisfaċenti ħafna, mhux għalina bħala staff akkademiku fejn il-programm kien mimli daqs bajda iżda, għal dawk il-membri kollha li attendew kemm għal xi kors jew seminar kif ukoll għal xi taħdita nterressanti. Matul is-sena 2002 għexieren ta' membri tal-Korp, minn kuntistabbli sa uffiċjali għolja ġew imsejħa biex, kemm jitgħallmu suġġetti ġodda, jew biex jsaħħu dak li diġa kien jafu, jew aħjar biex jirranġaw fejn marru ħażin u fejn seta' marru aħjar. Żgur li b' wiċċna minn quddiem għandna fejn inkunu mhux kburin iżda sodisfatti li dan ix-xogħol twettaq, kemm b' impenn kif ukoll b' għaqal u koordinazzjoni bejn diversi sezzjonijiet tal-Korp.

Nibda bir-reklutaġġ ta' membri ġodda. Kien tajjeb ħafna r-rekluttaġ ta' 72 membru ġdid li bdew id-dinja polizjeska. Kif diġa' rrapor-tajna, wara xhur impenjattivi ħafna, kien propju lejliet il-għeluq żmien tal-Korp, meta' fil-11 ta' Lulju, 2002 ingħataw il-ġurament tal-ħatra fejn l-għada dawn bdew it-triq li għażlu. Minn hawn f'isem l-amministrazzjoni akkademika inselmulhom u nixtiqulhom kull suċċess.

Hekk kienu wkoll ta' suċċess is-sitt *in-service courses* maħsuba għal kuntistabbli kif ukoll għas-surġenti. B'kollox attendew 170 membru. Kienu gruppi mimlija b' taħlita ta' eżempji, ta' esperjenzi, ta' edukazzjoni kif ukoll ta' ideat. Ikolli nistqar il-verita, ma nafx nirraporta mod ieħor. Kemm id-dixxiplina kif ukoll l-etika, almenu dik personali għad baqa' lok għal iktar tisħiħ. Dan kollu ġie kemm mgħallem kif ukoll imfiehem lil dawn il-membri shabna. Nemmen bis-sħiħ li dawn kapaċi jgħollu l-livell. B' hekk ċert li niżguraw iktar ir-rispett u għajnuna tal-poplu. Min hawn nixtieq ngħid prosit lil kull membru li attenda dawn il-korsijiet.

*Nota: Tislima speċjali tmur lejn il-mibki w wisq maħbub ex P.C. Charles Muscat li d-destin ried jaħsad minn fostna propju waqt li kien qiegħed jattendi wieħed min dawn il-korsijiet. Min hawn insellmulek b' rispett kbir.*

**Tagħlim ieħor**

Kienu diversi s-suġġetti oħra li ġew imtella' matul is-sena li għada kif intemmet, fejn dawn kollha ġew irraportati li kienu possitivi. Eżempji ta' dawn il-korsijiet kienu:-

Schengen Seminars-Border Security fejn fihom attendew diversi membri tal-Korp kif ukoll membri oħra kemm mill-Armata (A.F.M.) kif ukoll mill uffiċju tal- 'Passport Control Officers'. Kien suċċess kemm mill-att kif tmexxa kif ukoll bħala tagħlim. Prosit lill organizzaturi.

Money Laundering & Economic Crime Course. Ta' interess siewi ħafna fejn għalih attendew diversi membri, fejn ċerti li ħarġu sodisfatti b'dak li tgħallmu. Ser ikunu iktar sodi fit-twettieq ta' xogħolhom.

Diversi *Lectures* f' The New Amendments to the Criminal Law. Attendew għalih l-uffiċjali kollha. Bħall ma kien mistenni dan is-suġġett żgur li kien altru iktar minn interessanti meta' wieħed isib li hemm bidla ġmiela ta' liġijiet fil-kodiċi kriminali u hekk irridu inkunu aġġornati tajjeb. Organizzat u mtella tajjeb ħafna mis-Superintendent Dr. A. Casha L.L.D.

Seminars fl-Intermediate General Border Management Training

In-service referesher courses għal diversi Spetturi, iktar minn ċerti li kienu korsijiet ta' interess. Xtaqt li l-konkorrenza kienet iktar puntwali. Nammetti li kullħadd għandu x-xogħol tiegħu. Almenu nippruvaw.

Seminar rigward Evidence in Criminal Proceedings. Kienet attendenza numeruża ta' Spetturi li attendew għal dan is-seminar. Hekk kienet ukoll il-parteċipazzjoni.

Seminar li kien jitratta l-Appelli Kriminali. Prosit ħafna lil Dr. A. Casha. Inkomplu fejn ħalla l-mibki w ħabib ta' ħafna membri tal-Korp Ex. Deputat Kummissarju u Kmandant ta' l-Akkademja Anthony Mifsud Tommasi.

Kors fis-Surveillance Detection Program fejn fih attendew kemm fizzjali tal-Korp kif ukoll uffiċjali barranin. Suġġett ta' interess partikulari qawwi. Kien siewi ħafna.

Seminars oħra interessanti kienu dawk fil-Crisis Management li ġie provdut minn Mr. Ken Jones li offra d-diversita` ta' l-esperjenza li għandu. Nemmen bis-sħiħ fuq dak kollu li ġie spjegat. Għad baqa'

*ikompli f'paġna 16*



# 25th Recruits Basic Course

PULIZIJA TA' MALTA

AKKADEMJA TAL-PULIZIJA

DOMINE DIRIGE NOS



Overall Best Recruit
P.P.C. 1084 Roderick Zammit



First Best Recruit
P.P.C. 1226 Joseph F. Cutajar



Second best recruit
W.P.P.C. 233 Audrey Micallef



Third Best Recruit
W.P.P.C. 255 Roberta Fenech









Fuq: *Assault course* li żied il-faċilitajiet kemm dawk sportivi kif ukoll dawk ta' taħriġ li tant għandna bżonnhom.
Xellug: Rekluti tal-Akkademja josservaw kif titmexxa l-*Control Room* ġewwa d-Depot
Fuq: Grupp tar-rekluti tal-Akkademja li volontarjament taw d-demm ġewwa l-*Blood Transfusion Unit*.
Xellug: Rekluti tal-Akkademja waqt żjara ġewwa s-*CMRU*

*ikompli minn paġna 13*

ħafna xi jsir biex nilħqu l-livell mixtieq. Ma naqtawx qalbna.

Diversi lectures fil-*Police Powers & Duties'* lil-diversi spetturi. Bħal dejjem interessanti ħafna.

Kors interessanti ieħor kien dak provdut lit-taqsima tad-droga tal-pulizija. *DEA Course Training in Street Surveillance*. Kull min attenda ħareġ sodisfatt. Prosit lill-Assistant Kummissarju Michael Cassar.

*Sports seminar* lil diversi membri li jattendu l-*gymnasium* ta' l-Akkademja. Intlaqgħet tajjeb ħafna l-indirizz ta Dr. J. Sciberras M.D. tabib tal-Korp kif ukoll ta' Dr. K. Micalef Stafrace M.D. li tkellem fuq il-mediċina w sport. Grazzi lil dawk kollha li attendew. Grazzi lis-Sur J.C Gauci li wkoll attenda għal dan is-seminar. Nemmen li darba oħra l-attendenza tkun ikbar.

*The role of the Superintendent in the Police Force*, kienet tema ta' seminar organizzat għas-superintendenti. Matul dan is-seminar is-superintendenti ltaqgħu kollha flimkien u diskutew diversi fatturi li jiltaqgħu magħhom fuq ix-xogħol. L-esperjenza ta' min hu anzjan tgħallem ħafna. Prosit tal-kontribut.

*Investigation seminar* organizzat għal l-ispetturi kien milqugħ tajjeb.

Ma dawn kollha daħħalna ukoll kors fl-isparar *(small arms)* lil uħud mill-Pulizija stazzjonati fil-*Mobile Squad*. Kull membru wera interess. Ngħid prosit lill-Ispettur Morgan Azzopardi li taħtu taqa' din it-taqsima, li kontinwament jistaqsi fuq korsijiet li jistgħu jingħataw lil din it-taqsima biex b'hekk jikber u jgħola l-livell f'din it-taqsima. Minn hawn ngħidilhom joqgħodu iktar attenti kif ukoll nawguralhom iktar xogħol b' suċċess.

Għalaqna s-sena bi tlett *short courses* ta' tlett ijiem kull wieħed fuq is-suġġett, *basic self defence*. Dawn ġew organizzati għall-ħaddiema kemm dawk li jaħdmu ġewwa Fejda kif ukoll dawk li jaħdmu fil-*Formula One*. Dawn il-korsijiet ġew provduti wara talba li saret u ġiet aċċettata. Kienu gruppi b'membri nteressanti ħafna. Għalkem żgħażagħ jidhru li daħlu għal biċċa xogħol iebsa. Min hawn nixtiqulhom iktar suċċessi.

Importanti ukoll li nirraportaw li matul l-aħħar xhur tas-sena, fuq talba mill-Ministeru tal-Ġustizzja, bdejna bidu għal diversi *short lectures* fuq it-tema *security awareness* provduti għall-ħaddiema kollha li jaħdmu ġewwa l-qorti. Hemm ħafna x'jintranġa f'dan ir-rigward. Nemmen li mhux ser nieqfu hawn u dan għal ġid ta' kullħadd. Prosit lill-Dr. Aquilina li qiegħed jikkordina dawn is-seminars.

Tajjeb li ngħalaq dan l-artiklu billi f'isem il-Kmandant tal-Akkademja kif ukoll f'isem l-istaff kollu inkun qiegħed nonqos bi kbir jekk ma ngħidx grazzi lill kull *lecturer* li ta' sehmu. L-organizazzjoni li wettqu matul xogħolhom tirrifletti s-sens kbir ta' dover. Għal darba oħra grazzi w prosit.

**X'seħħ iktar fis-sena 2002?**

Bħala xogħol addizzjonali fejn jirrigwardja żoni għal taħriġ, wieħed isib li issa tlesta ukoll l-*assault course*. Dan kompla żied il-faċilitajiet kemm dawk sportivi kif ukoll dawk ta' taħriġ li tant għandna bżonnhom. Grazzi lil kull min ħadem speċjalment lill kollegi staff tal-Akkademja. Bi ftit flus irnexxielna inwettqu dak li kellna bżonn.

**U issa !**

Bdejna s-sena 2003 fuq nota tajba ħafna. Kif jafu ħafna membri kollegi, din is-sena l-Akkademja tal-Pulizija ser tagħlaq (15) ħmistax il-sena' tiffunzzjona. Kien l-Eċċellenza tiegħu l-President tar-Repubblika, l-Professur G. DeMarco, dak iż-żmien Ministru għal Intern li fit-12 ta' Lulju 1988 inawgura l-Akkademja miftuħa. B'effett mill-1 ta' Jannar 2003, għall-ewwel darba l-Akkademja ġiet marbuta b'liġi referenza għal (Police Act Chapter 164 part VI Art.103-106). Dan l-Att kif juri t-titlu tiegħu stess huwa bbażat fuq u biex jirregola l-organizazzjoni, dixxiplina kif ukoll id-doveri li l-istess Korp tal-Pulizija jħaddan. Insibu li fost oħrajn dan l-att jorbot li l-Akkademja għanda titmexxa minn *board'* magħmul minn nies esperti kemm fil-qasam pulizjesk kif ukoll fil-qasam tal-ġustizzja kriminali. Pass importanti ħafna li



Il-lum Russel mhux biss jinstab qiegħed jgħix b'sahtu, iżda donnu li sar l-għassies tal-Akkademja. Lill-impjegati tal-Akkademja jagħfhom wieħed b'wieħed. Oħrajn li jżuru l-akkademja jgħatihom ħarsa fit-tul, jserraħ rasu biss meta jilqahhom xi ħadd mill-impjegati. Klieb oħra ma jistgħux jidħlu ġewwa l-akkademja, sar kmand assolut. Illum Russel integra sewwa, speċjalment meta jara attivita, eż: rekluti ġodda. Waqt it-taħriġ joqgħod josserva, jieqaf biss għal xi titwila qasira wara li jkun sema' xi ħoss x'imkien. Ftit wara li jinvestga x'ġara' jerġa jieħu postu mill-ġdid.

## Russel - Il-Kelb għassies.

Deher dieħel l-bieb prinċipali tal-Akkademja, mhux biex isib x'jiekol, iżda iktar donnu ried għajnuna medika. Kien jinsab muġugħ ħafna, għajnejh kienu xiehda ta'l-uġieħ kbir li kien qiegħed lhoss. Mhux għax tajritu xi karrozza, iżda xi proxmu ta'ruħ tajba u bla kuxjenza, lil dan il-kelb taħ xebgħa kbira spċjalment fuq dahru. Donnu ntużat xi biċċa ħadida jew injama. Min hemm il-quddiem dan il-kelb, issa blisem ta' Russel ħajtu nbidlet kompletament. Sab lill-kuntistabli P.C. 761 Joseph Tanti, stazzjonat ġewwa l-akkademja li kullħadd jaf kemm hu espert fuq it-tagħlim tal-klieb. Lill Russel P.C. Tanti ikkuraħ kemm hu personali kif ukoll bis-saħħa ta' veterinarju. Fi żmien qasir Russel (ta' razza mħalta) beda ġej għan normal fejn fi ftit gimgħat reġa' ħa sahtu mill-ġdid.

Grazzi lill-kuntistabli Nu 761 Joe Tanti, kif ukoll lil membri kollha ta'l-istaff tal-Akkademja fejn kollha jħobbu lil Russel. Tard bil-lejl kif ukoll fil-għodu kmieni, r-ronda mall-konfini tal-akkademja ma tonqos. Lil-dawk kollha li ma jħobbux lil klieb, biex għalmenu ma jaħqruhomx. Tajjeb li fejn ikun hemm moħqrija tal-annimali, tiġi rraportata lill-awtoritajiet, fejn dawn ta'l-aħħar ma għandhomx għalfejn joqgħodu lura, il-massimu tal-piena għandha tingħata.

tpoġġi lill-istess Akkademja fuq sisien ta' tmexxija aħjar u iktar responssabli. Ċert li fil-futur kemm il-livell kif ukoll l-interess għal iktar taħriġ ser jgħola. U hawn wieħed jistaqsi "l-Akkademja x'inhu xogħla eżatt?" Tajjeb li mela wieħed ikun jaf dan kollu fi ftit kliem u bi preċiżjoni. L-Akkademja tal-Pulizija ġiet imwaqfa biex:-

Tħarreġ rekluti, Uffiċjali kadetti kif ukoll membri oħra tal-Korp sabiex jitgħalmu kif ukoll jgħollu l-livell ta' doveri tagħhom fuq firxa ta'studji kemm lokali kif ukoll dawk barranin, inkludi studji xjentifiċi, dawk investigattivi, psikoloġiki kif ukoll dik li hija liġi kriminali u diversi lingwi . B'dan u ħafna iżjed materjal qiegħed jiġi żgurat li l-membri ikunu iktar professjonali kif ukoll aġġornate fil-ġlieda kontra l-kriminalita.

### Sehem il-Parati w l-Banda tal-Korp

Barra min hekk fl-Akkademja jsiru dawk il-preparamenti kollha fejn jidħlu funzzjonijiet, bħal parati diversi kif ukoll is-sehem tal-Banda tal-Korp. Magħhom wieħed jista jinkludi ukoll il-*Precision Drill Team*. Hawn xtaqt li nagħmel punt ta' referenza, hu dan għar-rigward il-ħafna tgergir minn ċertu kollegi w membri li minn xi daqqiet huma ta' għajb għall-Korp. Hemm xi talin li għadhom jemmnu li dawn l-attivitajiet huma kollha ħin moħli. Għandi rispett kbir għal kif jaħsbuha, iżda ma naqbilx magħhom. Fl-opinjoni tiegħi ikun wisq aħjar li wieħed jirrispetta d-dinja tax-xogħol ta' kullħadd. Fuq kollox, għal min ma jafx dawn huma attivitajiet li huma kollha marbuta kemm ma dixxiplina, kemm ma tradizzjoni kif ukoll kemm bħala dover ta' Korp dixxiplinat. Nemmen ħafna fil-frażi ***" No man is an Island "***

Immedjatament wara l-festi ta' l-ewwel tas-sena, il-ħajja ġo l-Akkademja kompliet bħas-soltu. Kien fit-3 ta' Jannar 2003 meta l-*parade ground* ta' l-Akkademja intliet daqs bajda b'uċuħ ġodda., meta mitt (100) rekluta ġodda, sebgħin żagħżugħ u tletin żagħżugħa ġew mgħarfa biex jibdew it-taħriġ tar-reklutaġġ. Verament li grupp kbir ħafna, fejn f'qasir żmien irnexxielna nqassmu lill kullħadd f'postu, kif ukoll nagħtuhom kull informazzjoni fuq il-kors. Ftit jiem wara, propju fis-7 ta' Jannar 2003 dawn ir-rekluti ġew indirizzati kemm mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur J. Rizzo kif ukoll mill-Ministru għall-Intern u Ambjent L-Hon. Dr. T. Borg L.L.D. M.P. Bħall ma jiġri f'kull reklutaġġ, fetaħ il-laqgħa il-Kmandant tal-Akkademja s-sur J.C. Gauci. Tul id-diskors tagħhom it-tlett kelliema aċċenaw kemm għas-serjeta w dixxiplina fi ħdan il-Korp kif ukoll biex kull membru jħares il-quddiem b'sodisfazzjon.

Hu propju hekk għamlu dawn iż-żagħżagħ. Kien nhar il-Gimgħa 28 ta'Frar li f' żmien qasir dawn il-memberi ġodda, f'ċerimonja qasira iżda sabiħa ħadu l-ġuramant tal-ħatra minn għand il-Kummissarju tal-Pulzija fil-preżenza tal-Ministru għall-Intern u Ambjent Dr. T.Borg L.L.D.M.P. Ilkoll awguraw lill kull rekluta kull suċċess. Kienu grupp ta' żagħżagħ kollha ħeġġa, kien hemm min kien entużjażt daqxejn aktar minn ħaddieħor, kollha b' idejat diversi. Personalment ħadt pjaċir ħafna niltaqgħa magħhom, li dejjaqni biss kien l-ammont qawwi ta' sigaretti li jpejpu. Tajjeb li wieħed jgħid grazzi lill kollegi membri staff tal-Akkademja li lkoll ħadmu bis-sħiħ biex din l-okkażżjoni tkun suċċess. Min hawn f'isem l-Kmandant u membri kollha nawguarw lil kull membru ġdid kull suċċess fil-karriera ġdida tiegħu.

### X'hemm ipjanat għall-din is-sena

Bħala xogħol maħsub biex ikompli jtejjeb l-faċilitajiet ġewwa l-Akkademja għal dawk kollha li jiġu jitgħalmu, ser jinbena *five-a-side pitch* tal-futbol, kif ukoll *volleyball pitch*. Dawn żgur li ser jgħinu speċjalment għal waqt r-rikreazzjoni kif ukoll waqt korsijiet ta' taħriġ speċjalment jekk il-quddiem ikun hemm xi korsijiet ibbażati fuq *residential periods*. Nemmen bis-sħiħ li s-saħħa fiżika u kif tgħix il-bogħod mill-mard fil-kamp pulizjesk għad baqgħalna ħafna x'nagħmlu. Hekk ukoll ser jiġu rranġati żewġt ikmamar biex isir taħriġ fuq is-suġġett *Scene of the Crime - Preservation of Evidence* lx-xogħol beda' diġa fejn ħafna minnu qiegħed isir minn membri ta'l-istaff tal-Akkademja. Ta' dan nirringrazzjhom għas sehem tagħhom.

Barra minn hekk hemm diversi xogħol ieħor preparat, eż. tkomplija ta' *In-service Courses.* etc.
Niltaqgħu darba oħra.

SMART CARD ACCEPTED

# ASV COMPUTERS

**INTEL PENTIUM 4 ~ 2.5GHZ**

- ATX Motherboard
- 256Mb DDR RAM (266MHz)
- 16x DVD-ROM
- 1.44Mb Floppy drive
- 40Gb Hard Disk (7200RPM)
- 64Mb Video Card Ge-Force 2 (with T.V. out)
- 56K Internal fax/modem
- ATX case with 300 W PSU
- Multi-media keyboard
- PS2 Optical Mouse
- 600 W Speakers
- 17 inch monitor
- Windows XP home CD & license



Lm400 (VAT included)



19200 USB Scanner
Lm 29.00



HP 3325 Inkjet Printer
Lm 31.00

Wide range of computer tables

ASV Computers, 12, Garden Street, Qormi • Tel: 21 497 490 • Mob: 9944 1577 • Fax: 21 451 105
e-mail:info@asvcomputers.com • web:www.asvcomputers.com

*Prices & specifications are subject to change without notice.*



# It's summertime again!!



At Borg Cold stores we're fully stocked with all your barbecue and party needs:

Sliced beef, pork or lamb
Chicken in portions or halves
Suasages, burgers, corn on the cob
Fish steaks, fillets and prawns
Venison, quails, duck, rabbit
Various butter and cheese
Foreign wines and beer
Ice flakes, cubes and rock
Charcoal and other barbecue material.

BORG
GROUP OF COMPANIES

Borg Cold Stores, Abattoir Square, Marsa HMR 17
tel:21 226 701/4 fax: 21 231 284

# IPA International Police Association

## A Friendship Organisation

Dear IPA Colleagues.

Here we are again with another article about our Association for 2003, hopefully we will have another positive year. Once again our prime objective for his year is to improve membership whilst recovering those few who still give us a rather hard time to call at the IPA office to collect their membership stamps. On the other hand we would like to involve our members more in IPA work, such as recruiting new members and activities. To be honest and realistic this is going to be rather hard for this year, since we all know that for the serving members 2003 is going to be a busy year nearly all through, limiting spare time to a minimum. Nevertheless we should not loose heart and do our best.

**Arthur Troop commemorative medal**: Following the death of Arthur Troop the founder of IPA, the PEB issued a commemorative silver medal in a presentation cover. Apart from the medal one is also being offered three short write ups, one about the Association one about the founder and the last one about Gimborn Castle, the training institute of IPA. The cost of this medal, which is of limited edition, is Lm6.90c. Those interested to obtain one of these medal, are kindly requested to at the IPA office PHQ or contact Joseph Mamo on 22942015.

**Arthur Troop statue**: Apart from the commemorative medal, the PEB is also considering to erect a statue of Arthur Troop at Gimborn Castle, in memory of the founder. Further details on this project will be given in due course.

**What is Gimborn Castle?** More than thirty years ago, in Germany, the IPA founded it's own conference centre, the 'Information – Bildungszentrum Schloss Gimborn' (IBZ). Nowadays, 'Gimborn Castle' is a very well known place, where police officers of all ranks meet, exchange experiences and learn together.

Every year around 2500 participants, mostly police officers, take advantage of the facilities and conferences offered by Gimborn. Most conferences are IPA seminars, organised in close co-operation with the international and national bodies of IPA, lasting about a week.

The annual programme comprises regularly of about 15 seminars in non –German languages with or without simultaneous translation. About 35% of participants at IPA seminars come from countries other than Germany.

A small permanent team of about 12 people, full and part-time, are responsible for the planning of the seminars, selection of topics and speakers, administration and looking after Gimborn. The IBZ is not only a conference centre for police officers but has been created by police officers. At the end of the sixties, a considerable number of police officers worked to restore the old building and adapt the rooms according to the needs of a modern conference centre. IPA Branches and Sections have sponsored rooms and are responsible for selecting and financing the furniture and décor of the rooms. The centre is completely responsible for its own administration and finance.

Accommodation can be offered for 68 people in 16 single bedrooms, 17 bedrooms and 5 three bedrooms, all of them with private bath (shower and WC) and telephone, located in the castle itself. Gimborn offers four fully equipped conference rooms as well as a television room, bar and wine tavern. Meals are served in the adjacent Schlobhotel. Close to Gimborn there is an extensive network of hiking trails leading through nature reserves as well as sports facilities.

Gimborn is situated approximately 30 miles east of Cologne, in the centre of Western Germany. Further information can be obtained by visiting Gimborn internet site:
**http://home.t-online.de/home/ibz.gimborn**

**Christmas IPA Token**: During the Other ranks reunion held on the 5th January, at PHQ a name was drawn from among IPA members who had paid their 2002 contribution and the winner Mark Sultana will be receiving an Arthur Troop commemorative medal. Congratulations.

**Results from IPC survey**
The survey analysed Police duties in different states.

**1.Are Police in your country covered by a special law?**
All police are covered by legislative Law.
All but 6 Sections were covered by police regulations.
In 18 Sections police were covered by several laws.

**2.Police are the responsibility of Government. Do you have?**

| | |
|---|---|
| Local Police (Municipal) | 15 Sections |
| State/Regional Police | 8 Sections |
| National Police | 3 Sections do not |
| Are their duties different | 16 Sections |
| Do you have auxiliaries or auxiliaries/police helpers. | 12 Sections |

**3.What are the basic duties of the police in your country?**

| | |
|---|---|
| Maintain public order and security | All |
| Crime Prevention | All |
| Investigating/solving crime | All |
| Prosecuting crime | 13 Sect. do not |
| General Traffic observation | 1 Sect. does not |

**4.These basic duties are known as 'Core police duties', (typical police duties) is this term known in your country?**
3 sections did not know this term.

**5. Contrary to 'Core police duties' there are 'Non Core police duties', is this classification:**

| | |
|---|---|
| Known | 17 Sections |
| Common | 13 Sections |

**6. Are the following considered as non Police duties.**

| | |
|---|---|
| Parking Observations | 32 Sections |
| Traffic education for children | 13 Sections |
| Law Education for children | 14 Sections |
| Reporting of minor traffic accidents | 8 Sections |
| Escorting oversized vehicles | 14 Sections |
| Private money value escorts | 15 Sections |
| National/State bank escorts | 16 Sections |
| Prisoner escort for courts | 14 Sections |
| Public conveyances for humanitarian reasons (ie drunks, helpless people) | 13 Sections |
| Rescue missions (mountain sea res.) | 12 Sections |

**7.Are changes to police duties being considered?**
In 14 Sections changes to police duties are being considered.

**8.Do Police enforce tasks covered by other Law/Regulations (ie Bye laws).**

| | |
|---|---|
| Breaches or rules (minor violations) | 22 Sections |
| Environmental protection | 20 Sections |
| Food health inspection | 8 Sections |
| Civil aeronautics/airport security | 15 Sections |
| Personal (VIP) & property protection | 25 Sections |
| Escorting deportees to home country | 18 Sections |
| Victim assistance | 21 Sections |
| Catastrophes/Civil defence | 21 Sections |

**9.Do the Police have a duty to assist other official investigators?**
In 23 Section police assist other official investigators.

**10.Are police allowed to assist private investigators?**
Only 3 Sections assist private investigators.

**11.What duties are already being done by private security companies?**

| | |
|---|---|
| Property Protection | All |
| Transport of valuables | All |
| Alarm monitoring/Burglary security | All |
| Sporting events (ie football) | All but 2 Sections |
| Protection of Radioactive transport | 11 Sections* |
| Private security on public transport | 16 Sections* |
| Airport security | 16 Sections* |
| Transport of prisoners | 4 Sections* |

*this is done by private firms.

Launch Price
Lm10,900

distinctive,
Stylish,
Aspirational




**...strong and dynamic.** The new Honda Accord possesses a distinctive character borne out of an original and intelligent approach to styling. Perfection in every detail. It's by ensuring that every element is 100% right that the Accord gets it's clean, uncluttered and distinctive shape. The new Honda Accord has an air of solidity and completeness, a result of real quality and integrity.

**HONDA**
The Power Of Dreams





**ASSOCIATED MOTORS CO. LTD.**
Mriehel By- Pass, Mriehel.
**Tel:** 21 498561/3. **Fax:** 21 480150
**e-mail:** honda@zamgroup.com

ISO 9002 FS 36753





Jikteb is-Supt. R.G. Zammit jidderiġi l-Akkademja tal-Pulizija

# Dixxiplina jew Responsabbilta`? (it-tieni parti)

Kemm ilni stazzjonat l-akkademja ħassejt li kelli ċ-ċans biex nara u nirrifletti ftit iktar mill-qrib, lill-diversi membri tal-Korp inklużi xi kultant anke dawk superjuri, kif jirnexxilhom ifallu milli jwettqu xogħolhom sewwa u ċioe' b' dik id-dixxiplina mistħoqqa li tagħmel kemm lill istess persuna kburi li qiegħed jwettaq dak ix-xogħol fdat lilu sewwa, kif wkoll lill-istess Korp. Għalhekk bi ftit paċenzja, f' ġranet differenti, f' postijiet differenti kif wkoll f' ħinijiet differenti, fl-ispazju ta' ftit jiem osservajt diversi xogħol imwettaq minn membri tal-Korp. Ikolli nistqar li dawn il-fatti jirrepetu ruħom ta' kulljum fejn ċert li kemm lili kif ukoll lil xi oħrajn jweġgħuni mhux ftit, meta nara li għalkemm huma ħafna l-isforzi li qiedgħin jsiru biex dawn jitrazznu, xorta waħda dawn għadhom jiddominaw fuq is-sewwa u fuq dak li jgħamel Korp immexxi fuq sisien sodi. X'inhuma dawn il-fatti? Jien nistaqsi dejjem lili nnifsi x'setgħu kienu l-konsegwenzi biex dan kollu qiegħed jiġi repetut. U hawn nibda biex nsemmi xi ftit mil-fatti:

Għal xi uħud il-ġurnata tax-xogħol la tibda u l-anqas tispiċċa fil-ħin stipulat. Nibda ftit ħin wara u nispiċċa ftit ħin qabel ma tagħmel l-ebda differenza, kulltant anke għal istess superjuri. (Għorokli dahri u wara ngħoroklok dahrek )

Fettilli immur f' bank u sibt lill-pulizija għaljenat għal aħħar, ma kienx daqshekk attent għal dak li kien qiegħed jseħħ madwaru. Fi ftit sekondi seta' faċli jaqa' f'nasba. (f'dak il-mument li ma tkunx preparat jseħħ xi ħaġa. Wara tard wisq.)

Għaddejt f'bank ieħor (din id-darba liebes pajżan) u sibt lil pulizija jgħati titwila il-ġurnal bla biss ma nduna b' anzjan wara l-bieb jħabbat biex jiftaħlu. Kellha tkun persuna oħra min ġewwa l-bank li ġibditlu l-attenzzjoni biex mar jiftaħ.

(Min iwettaq delitt jkun ilu josserva. F'dan il-każ min ried iwettaq delitt ma tantx kellu diffikulta.)

Mort f'bank ieħor u sibt lill pulizija mingħajr il-*bullet proof vest*, Meta staqsejtu għaliha dan kull ma għamel tbissem u xejn iktar. Ħassejt li għandi mmur sa l-għassa biex taparsi nagħmel telefonata,u hemm sibt l-*bullet proof vest* imdendla mal-ħajt, lill-pulizija li kien mat-telefon staqsejtu jekk il-*vest* humiex jagħ mlu użu minnha. It-tweġiba kienet xotta xotta " Mhux dejjem Sir "

(Tgergir għax ma għandniex apparat hawn kemm trid, is-serjeta mhux rispettata)

Wasalt wasla f'għassa,iżda x'ħin dħalt il-pulizija li kien għassa mat-telefon, bil-qgħeda kien u bil-qgħeda baqa. Kien wara li ġbitlu l-attenzjoni li bi tbatija qam u sellem. (U x'tislima) ta' min jinnota li s-Surġent li kien għassa wkoll miegħu ma tantx deher li konfonda, jpejjep kien u jpejjep baqa. Għal darba oħra kelli ngħidlu li dak li jgħodd għall-kuntistabli jgħodd wkoll għas-Surġent u għal kull min hu bħalhom. Is-soltu - skużaw ruħħom

(Aħseb u ara kemm ser jgħatu każ lill pajżan, u jekk jgħatu bliema etika?. )

Tlajt sad-Depot il-Furjana, b'rispett lejn dawk membri anzjani li hemm għassa mal-*gate* li dejjem urew dixxiplina u rispett (nammirhom). Għal oħrajn speċjalment dawk li xogħolhom hu li jkunu pajżana, jaraw lil min jaraw qisu ma hu għaddej ħadd. Kienu diversi fizzjali oħra li għaddew min hemm fil-ħin qasir li agħmilt, ir-rutina hemm qiegħda. Sempliċament tislima bil-fomm u xejn iktar. Possibli dan in- nuqqas kollu. Iżda hekk hu.

(Id-dixxiplina tinġarr il-ħin kollu, hemm mod meta tkun bl-uniformi u hemm mod meta tkun pajżan. Forsi jiċċekknu jekk josservaw ir-regolamenti tad-dixxiplina?)

Dħalt f'wieħed mill-uffiċini li hemm fid-depot biex ninqeda għal xi karti li kelli bżonn. L-stess,qisu ma daħal ħadd. Veru li dak il ħin kienu qiegħedin jieħdu l-kollazzjon, iżda b'daqshekk ma kontx ser neħudulhom.

(Ma tantx awgura tajjeb mal kollega pajżan li kelli miegħl)

Fettilli nidħol din id-darba ġewwa uffiċju ta' waħda mill għases. Is-Surġent b' daqsxejn leħen żorr u b' attidudni li għandu x' jagħmel ħafna qalli, "Dalwaqt miegħek Sir, ġej il-puliz-




## the NEW 206 SW helps you make the most out of it

If you're looking for a stylish car with a sporty feel and added flexibility of use at an affordable price, then the **Peugeot 206 SW** is for you.

The NEW 206 SW is so practical that you could drive it to work, get your kids to school or enjoy time out with the family, all in the same day.

It's packed with well-thought features that make your life easier. To mention one - the tail-gate rear window can be opened with the remote control and access the boot easily. There is ample space in the boot, you can pack the kid's bike or shopping bags with ease.

**Try out the NEW 206 SW at Michael Attard Ltd. National Road, Blata l-Bajda. tel:21238854 or Psaila Street, St.Venera tel:21449312**

PEUGEOT
Engineered, to be enjoyed

www.peugeot.com.mt

# FOREIGN EXCHANGE

*Put your mind at rest!*



**Our services also include:**

- Foreign Notes
- Travellers Cheques
- Foreign Drafts
- Money Transfers

**We are also American Express Travellers Cheques Selling and Refund Agents. Orders also accepted by phone or fax.**

W&J COPPINI & CO
FINANCIAL SERVICES

**ST. JULIANS:** 6, Ross Street. Tel: 2138 3902 Fax: 2134 4577
**BUGIBBA:** 53A, Islets Promenade. Tel/Fax: 2157 9064
**Website:** www.wjcoppini.com

**SLIEMA:** 144, Tower Road. Tel: 2134 2031 Fax: 2134 4972
**VALLETTA:** 58, Merchants Street. Tel: 2124 4634 Fax: 2124 8280
**E-mail:** info@wjcoppini.com

ija għax mar jieħu te".

(Kontra qalbi kelli ngħidlu l-iskop tal-mawra tiegħi. Ġbitlu l-attenzzjoni fejn skuża ruħu. ) (Fl-istess ħin anke jien skużajt ruħi għax ilħaqt waslat tard għax kont lest li nħallas it-te`. )

Inżilt sal-garaxx tal-pulizija. dan l-aħħar u matul il-preparazzjonijiet tal-attivitajiet li kellu l-Korp fl-okażżjoni mit-twaqqif tal-Korp, kienu diversi l-bżonijjiet min dan il-post. Bħas soltu, jien insebbaħ kmieni. Kont nasal hemm ftit minuti biss wara is-sebgħa ta' fil-għodu. Kienu jibdew ġejjin il-ħaddiema, kemm dawk pulizija membri kif wkoll dawk pajżana (hawn insellem lill P. C. 1515 Rupert Portelli kif wkoll lil ħaddiem pajżan Antoine Ciappara ) li t-tnejn ħallewna dan l-aħħar. Iżda,dawk li kelli bżonn ma rajthomx. (il-ħin kien sar). Staqsejt għalihom u ġejt infurmat li dal waqt jaslu. Joħduha bil-lajma qaluli. hekk kien veru, waslu. Sirt naf li veru s-sajf jgħamel tiegħu, waslu b' żaqqhom barra u l-flokk fuq l-ispalla. Żgur li mhux ser isellmu, kif ? u bliema sura ridthom isellmu. jilqgħuk tajjeb fil-għodu: "sħana Sir hux "!, dak il-mument xtaqt nixgħel *alarm* u niġbor lil kullħadd għal *reinforce*, naħseb li fi ftit minuti kien jirnexxili naghmlu. ħassejtni meta kont il-Kenja naħdem fost il-fqar niġbor in-nies ta' kull filgħodu biex jiġu għax-xogħol, Iżda b'differenza waħda, dawn ma kienux f' Korp dixxiplinat u kelli noqgħod għal dak li joffru.

(Allaħares tiġi bżonn in- nies f'dak il-ħin hekk kritiku ta' fil-għodu. )

Tlabt trasport mill-garaxx. Inħobb inkun mhux fil-ħin, iżda ftit qabel il-ħin miftiehem. Ħadt pjaċir meta rajt lix-xufier fil-ħin mitlub, għax ridt ngħaddi għal persuna oħra fuq biċċa xogħol li kellna ngħamlu. Iżda, meta rkibt u kont lest biex nirringrazja lix-xufier talli kien puntwali, malajr marli l-ħsieb li kelli. Apparti li l-istess bħall-ħafna min sħabu, dan baqa ġewwa fil-karrozza bil-qegħda, aħseb u ara kemm niżel biex isellem u juri dik is-serjeta li b'dritt u b'dover wieħed għandu jġorr matul id-doveri tiegħu. Stajt ninota lill-kollega xufier bill-qalziet tal-uniformi mtella sa l-irkoppa u beda jsuq. Ordnajtlu jkun iktar prudenti u jekk ma għandux aptit jaħdem kien ikun aħjar għaliħ li jirtira. Ikkomplementajtu għal kemm kien jixraqlu x-xorts, Iżda forsi mhux daqshekk ix-xogħol fdat lilu, fakkarni meta kont għadni nuża l-karrozza tal-linja b'dawk ix-xufiera bil-qalza mtella minħabba s-sħana tal-magna. Ħasra li ma nibdewx naraw ukoll xi karozza tas-servizz bil-bieba tax-xufier magħmula bil materjal magħruf aħjar bħala-XPM.

Fettilli mmur dawra oħra f'xi distretti nkluż d-depot u stajt nosserva wħud minn-nisa membri b'xaħarom miżbuħ,mitluq għal fuq l-ispalla u b'diversi modi. Uħud minnhom kellhom wkoll ħafna ornamenti oħra. Ma naf bl-ebda tibdil li dan kollu hu permess.

(Minbarra li dan kollu mhux permess, jekk jiġu biex jaqdu doveri riskjetti, dan kollu jtellifhom)

Staqsejt lil-diversi membri biex nispezzjona l-lembuba,saħansitra anke lil xi rekluti ġodda li għadhom kemm bdew ix-xogħol pulizjesk. Ir-risposta kienet l-istess. "Iva ħalli nġiba min taħt is-seat tal-karrozza,"jew aħjar "mil-bagoll", jew, "ħalli inġiba min ġol basket", jew "min ġol loker" jew aħjar "ma nġorrix miegħl". Min naħa l-oħra il-ftit membri li sibt li kellhom il-lembuba kienu mingħajr ċinga jew jekk kella tafu fix-kienet tikonsisti, jew biċċa ħabel irqiqa, jew biċċa *nylon* ta' kulur jispikka mhux ħażin fuq l-uniformi jew kull forma oħra ta' materjal li jirrifletti s-serjeta ta'l-individwu. Risposti oħra kienu, tliftha w ma għandix oħra,jew din għandi. Tafu x'inhi ? biċċa njama b' forma ta' lembuba. U l-lembuba propja fejn hi ?.

(Mhux aħjar wieħed jistaqsi lill min hu kontinwament, responsabli minn dawn il-membri).

Fettilli fl-istess ħin nistaqsi lil-diversi membri għal *Pocket note book.* Ftit li xejn sibt, w oħrajn li biex jinsulentawk jofrulek biċċa ktieb. U x'valur ta' kontenut ikun fiħ. Tal-mistħija. !!

(Tiġi bżonn biex tniżżell xi noti, iżda kollox mill-memorja. Nixtieq inkun naf x'jesibixxu fil-qorti jekk jiġu mitluba)

Għamilt xi ftit 'Roll calls' sibt li hemm individwi li x-xahar twil joġobhom mhux ħażin,min daqsxejn fuq il-widna, min daqsxejn fuq l-għonq, oħrajn bi' stil modern, jgħidulu bil-*line* jew kif konna insibuħ ftit taż-żmien ilu, bħal tal-patrijiet. Iżda hemm wkoll oħrajn li mhux talli ma jħalluhx twil, iżda jqaxxruħ kollu sakemm il-forom kollha li tofri l-iskutella tar-ras jiffurmaw u jinbbozaw il-barra. Dan żgur li mhux permess. L-istess jista jingħad għal dawk il-barbetti kif wkoll mustaċċl kbar u enormi li wħud mill membri jħallu. Ċirkulari 1/97 tispjega eżatt dan is-suġġett.

(Min jaf, tgħid reġa wasal iż-żmien fejn il-Korp jerġa jkollu s-servizz ta' barbier u x-xagħar jinqata kif suppost. )

Fettilli fl-istess ħin naghti titwila l-idejn. Sibt li hemm min hu delitant kbir li jilbes xi brazzuletta jew li jiżżejjen b' ċrieket żejda kif wkoll ġiżirejjen. Għalkemm dawn ta' l-aħħar naqsu żgur ma nqatgħux għal kollox. Ma nistax ninsa iż-żmen li jien u kull min hu bħali, kellna kontra qalbna, fis-sħana kbira għal snin twal, minħabba attitudni negattiva ta' x'uħud li jaħsbu jew aħjar ħasbu li kienu l-fuq min kul forma ta' dixxiplina setgħu jagħmlu li jridu, u għax is-sitwazzjoni ma kienetx ikkontrollata, kellna nilbsu l-ingravata biex b'hekk dak it-tiżjin kollu seta jinħeba. Grazzi għal min ħadem biex din l-arroganza integħelbet.

(Nispera li ma nerġawx niġu għal dawk Iż-żminijiet)

Mort sa uffiċju f'ministeru. Skoprejt li hawn membri tal-Korp li min xi daqqiet jistgħu jagħmlu jew joqgħodu kif iridu, u ċioe' bla beritta, mingħajr lembuba, jistgħu jpejpu, insomma skoprejt li għandhom ħafna privilleġġi.

Għaddejt min fejn skola biex nara iktar mill-qrib l-kontroll kif qiegħed isir. Ħarist lejn it-tabella li kienet timmarka l-ħinijiet ta' l-għeluq tat-toroq. Ħarist lejn l-arloġġ. Inħobb inżommu preċiż kemm jista jkun. Din hi biċċa għodda li lili tikmandani wisq. Kien baqa għaxar minuti biex il-pulizija jgħalaq it-triq. Għaddew l-għaxar minuti, għaddew it-tfal, għaddew xi żewg karrozzi u l-pulizija ma ġiex. Ċempilt l-għassa bħala ġenitur u staqsejt jekk kienx hemm pulizija. Ir-risposta kienet "dal-waqt jasal". Veru għax kif tlaqt rajtu jiġbed lejn n-naħa ta' l-iskola. X'mar jagħmel ma nafx.

Ta' kulljum mijjiet ta' tfal jgħaddu min ħdejn il-pulizija, Bħal ma jgħaddu dawn jistgħu jgħaddu nies b'intenzjoniet oħra. U min qiegħed josservhom? Ftit li ħadd

Wasalt wasla sa l-Isptar. Dan l-aħħar mort ħafna iktar spiss peres li kelli xi familjari bħala pazjenti. Iltqajt ma diversi membri min għal ħaġa u min għal oħra. Kien hemm min kien responsabli w offrieli kull għajnuna. Verament ħadt pjaċir bihom iduru ma kullimkien, josservaw u fuq kollox jgħinu. Oħrajn impossibli li ma tiqfilhomx. Kont fejn pazjent u dan ġibidli l-attenzzjoni li fl-istess sala kien hemm priġunier. Dort dawra ma dwari biex nara min kien u nara wkoll min kien hemm għassa miegħu. Peres li kont bl-uniformi dan il-priġunier ġie fuqi hu, sellimli fejn fi ftit sekondi rakontali x'kien id-delitt li wettaq u sab ruħu l-ħabs. (Wettaq delitt mhux ħażin) Qalli wkoll li llum il-ġurnata jiddispjaċiħ għal dak li għamel. Staqsejtu kif imur ma l-iskorta li jkollu miegħu. Skantajt mhux ftit bir-risposta qalli "Ġej dalwaqt il-pulizija Sir,qiegħed naqra fejn it-T.V. mort u sibtu hemm. Wissejtu severament għan-nuqqas tiegħu. Ftit snin servizz

biss għandu, iżda diġa dara kif ma jbatix.

F'okkażżjoni oħra l-istess ġewwa l-Isptar San Luqa, f' sala partikulari ltqajt ma okkażżjoni oħra. Il-ħin kien għal xis-sgħatejn ta' fil-għodu. Kuntistabli li wara sirt naf li kien għassa ma priġunier, kien jinsab mixħut min tulu fuq-is-sufan li hemm ġewwa t-*T. V. room*. Biex tkun kompluta kien liebes wkoll il-walkman. Fl-entratura l-ewwel li kien jilqek kienet il-beritta tas-servizz. Din kienet tinstab fuq siġġu aktarx bħala sapport biex iżomm il-bieba tat-T. V. room area mbexqa. Domt nosserva lil dan il-kuntistabli għal ftit minuti. Naħseb li qam bl-infieħ tiegħi. Għal l-ewwel ma għarafnix . Ma naħsibx li għax kont pajżan iżda għax kellu nagħas mhux ħażin. Wara ntebaħ u, s-soltu "Skużani Sir marret għajni biha". Kelli nammetti li l-kamla ilha li trabbiet hemm ġew.

( Ftit tal-ġranet wara kif kont għadni kif nasal biex nara lill-membru tal-familja, laqgħatni persuna li jien qatt ma rajt f'għomri. Din informatni li kienu qiegħdin jfittxu klandestin li kien għadu kif qabeż għal fuq bejt u ħarab. Forsi mhux tort tal-pulizija, iżda taraw kemm tista' tiġi tradut. )

Fettilli mmur sal *ground* ta' Ta' Qali, ngħid il-verita ma tantx nieħu gost immur hemm. Għal ħafna raġunijiet nippreferi noqgħod nara logħba tat-tfal iż-żgħar. Naħseb li kelli raġun. Hekk kif dħalt l-entratura, iktar ħassejtni dieħel ġo sala fejn kien qiegħed iseħħ xi tieġ milli l-*ground*. Ħassejt li qiegħed nara xi xena minn xi tieġ, fejn żewġ ħamimiet qegħdin ras ma ras jifthemu l-futur tagħhom. Żewġ membri tal-Korp ta' sess oppost hekk kienu qegħdin, bil-qegħda fejn xulxin fuq mejda jinnegozzjaw ras ma ras bla ma jgħatu każ ta' x'inhu għaddej.

Fettilli nmur sa l-ajruport. Ħsibt li ser ikolli naqla ħafna rwiefen biex nitla fuq. Xejn min dan. Introduċejt lili nnifsi mas-suldat li kien hemm għassa. Bla tlaqliq qalli biex nibqa tiegħla, iżda kien hawn li waqaft. Tlabtu jinforma lill Kaptan ta' l-għassa bil-preżenza tiegħi. F'sekondi ġiet ir-risposta, dik li tibqa dieħel. Hekk għamilt. Ħadt pjaċir meta wasalt fuq u sibt lil-pulizija li kienu għassa. Kollha kienu fuq xogħolhom iżda wieħed minnhom li kellu t-telefon f'idu kien għadu kif irringrazzja lil xi ħadd li ċempillu w nfurmah biż-żjara tiegħi.

Dħalt daħla sal-Qorti. il-pulizija li hemm għassa hemm issibu jdur l-hemm u l-hawn. Minn tagħna ħafna iżda nieqes minn ħafna ingredjenti li suppost membru tal-Korp iġorr. Ma naħsibx li hu tort tiegħu.

Fettilli għal darba oħra nidħol il-Qorti. Dak il-jum kien hemm attivita mhux ħażin għaddejja. Kienu ser jitressqu xi kriminali magħrufa l-qorti, w għalhekk ħadd l-okkażżjoni nara mill-qrib kif ser ikunu l-iskorti. Ma' l-wasla tagħhom fil-karrozza tal-pulizija fejn il-*Lock Up* numru ta' nies pajżana mdaqqas (nemmen li jkunu familjari jew ħbieb tal-akkużati) irnexxilhom għal ftit sekondi jieħdu l-kontroll tal-vettura tal-pulizija fejn bi' ġlekkijiet u affarijiet oħra jgħattu lill dawn it-talin. Il-manetti mhux dejjem jintlibsu, w meta jintlibsu dawn ikunu fuq quddiem. Mal-ħarġa tagħhom mill-Qorti, liberi w franki dawn in-nies ikollhom dritt li jpejpu sigarrett, qad naħseb ftit kemm setgħu ġraw affarijiet negattivi nkluż lill-istess sħabi. Ftakart f'okkażżjoni li seħħet wkoll hawn Malta meta ġewwa l-Mdina u waqt żjara presidenzjali din ta' l-aħħar, b'sorpriża ġiet iffaċjata min persuna promenenti. Mela veru li-jġibu fuq it-T. V. hu min hu. (Xbajt nara l-istess)

Mort fuq xi *fixed points*. tbissimt mhux ftit. il-pulizija sibtu bix-xorts, ieħor bil-papoċċ u fuq kollox reqdin. Apparti dan kollu kien hemm ħafna iktar affarijiet li ma ħadtx gost bihom.

Din is-sena ma stajtx nattendi għal festa tarraħal. Ħabib li niltaqa' miegħu darba fis-sena w propju f'dawn il jiem tal-festa, ċempilli fejn staqsa x'ġarali. Meta għarraftu li kien impossibli li nattendi, nfurmani li billi l-pulizija tidħol tieħu xi ħaġa friska min ħanut ma fiha xejn, issħana kulħadd tagħmel bieħ, iżda li tagħmel iktar min sagħtejn f'residenza privata mingħajr ma tgħati każ x'inhu għaddej, kienet xi ħaġa ta' min jistmera. Almenu din id-darba ma rajtx membri fuq l-ispallejn jew jaħarqu xi sufarell. Minn daqshekk billi ma mortx għal festa gawdejt min xi ħaġa oħra, dik li ma rajt xejn neggativ b'għajnejja.

Staqsejt lill-wieħed pulizija b' persuntu ħoxna ħafna. Staqsejtu biex jieħu ftit iktar kura kemm ta' saħtu kif wkoll ta' persuntu. Staqsejtu x'jagħmel jekk jiġi biex jiġri wara xiħadd, jew aħjar jekk xi ħadd jiġi biex jiġri warajħ. Staqsejtu jekk ikunx għejjien fuq ix-xogħol. Kull ma wieġeb mingħajr l-ebda etika ta' xejn kien li jħobb jiekol ħafna w jixrob ħafna birra. Għalhekk deher li ma tantx ħa pjaċir b'dak li kont qiegħed nistaqsi. Fl-aħħar għedtlu li l-uniku nteress li kelli kien li ngħinu jkun aħjar biex b' ġebla waħda jolqot diversi għasafar. F'okkażjoni oħra instab li membru tal-Korp ta' kulljum jixrob flixkun *whisky* jew ftit iktar. Barra min hekk jpejjep ma' t-tlett pakketti siggarretti kulljum. Il-kumplament tal-ħsieb inħallieħ għalikhom.

Matul dawn iż-żjarat kollha kienu diversi persuni li waqfuni jew ċempluli, fejn kritikaw bil-qawwa l-għala t-tul biex persuna tidħol fil-Korp spiċċa. Ħassejt li għandi nilqalhom, mill-ewwel. Ma nwaqqawx is-suġġett għaċ-ċajt u fejn nistgħu nirranġaw l-affarijiet nirranġaw. Għalkemm qosra kienu diversi punti li ħarġu min dawn id-diskursati. Il-quddiem ikolli ċans nikteb fuq dan is-suġġett ukoll.

Matul il-*patrol* li nwettaq, kif wkoll waqt okkażonijiet oħra li jkolli fejn noqgħod nitħaddet ftit ma diversi membri, nstab li huma ħafna l-membri li għandhom bżonn xi forma ta' għajnuna, u dan minħabba xi nkwiet familjari (hu x'inhu) li mhux iħallihom jaqdu d-doveri tagħhom tajjeb.

(Tajjeb li nibdew naħdmu biex naraw li jkollna uffiċju adekwat li jofri għajnuna għal suġġetti bħal dawn)

Ma nistax nibqa għaddej nikteb fuq dak li nemmen li għandu jitranġa għal dan ir-rigward. Ċert li ser ikun hemm min ser jieħu għalih fuq dak li ktibt, daqshekk ieħor ċert li ser ikun hemm anke superjuri li jakkużawni. Mhux l-ewwel darba li kien hemm xi superjur li verbalment akkużani li nħobb nikteb bil kulur griż, u ċioe` kif naħsiba jien biss. Min hawn ngħamila ċara li bl-ebda mod ma rrid inaqqas xejn mill-mertu tax-xogħol li dawn kollha jgħamlu, iżda ċert wkoll u kullħadd jaf li dak li ktibt hu kollu minnhu. Nistqar ma kullħadd li difetti għandi bħal ħaddieħor, izda mhux min dawn li semmejt. Ma ġeneralizajtx, min hu sewwa ma għandux għalfejn jieħu għalih.

Naħseb li kont leħen ta' ħafna, li jew għax ma jimpurtahomx, jew għal ħaġa oħra dan is-suġġett ma jintereshomx. Iva dan is-suġġett għandu jinteressa lil kullħadd. Irridu lkoll kemm aħna ngħatu lill-Korp stima ġdida li fiż-żmien l-imgħoddi kien wisq magħruf għaliha. Il-marda tinsab ma kullimkien u hemm bżonn li nfejquha. Qsamt dan il-ħsieb ma wieħed anzajn li serva fuq tletin sena fil-Korp tal-pulizija hawn Malta. Satqsejtu x'jaħseb l-ewwel, staqsieni jekk kontx imgħaġġel. Infurmani li ser jitkellem fit tul. Mhux ma' kontx naf biex ħiereġ, Iżda ħadt pjaċir nisma s-sinċerita ta' min jaf x'inhi dixxiplina. Is-Surġent ta' dak Iż-żmien (1950-1960's) kien qisu l-ispettur jew iktar ta' llum. Talabni biex ma naqtax qalbi u hekk għamilt. Hemm bżonn jiżdiedu l-ispezzjonijiet fl-għases u postijiet oħra. Fuq kollox dak il kju ta' membri tal-Korp li ta' sikwit jiltaqgħu wara l-bieb tal-Kummissarju, jittafa jew aħjar jispiċċa.



# Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

*Buffet* li sar ġewwa r-ristorant Fra Ben, il-Qawra

## Attivita' ta' żmien il-Milied

Attivita' mistennija ta' kull sena hija l-istedina tal-Kummissarju fi żmien il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Din is-sena, din l-attivita' saret nhar il-Ħadd, 5 ta' Jannar, 2003 u bdiet b'Quddiesa fil-Kappella tad-Depot mill-Kappillan tal-Korp, ir-Rev. Fr. Raniero Zammit. In-numru kbir ta' pensjonanti attendew flimkien man-nisa tagħhom, imlew mhux biss il-kappella iżda wkoll il-kuridur kollu sal-bieb tal-*gate*.

Wara sar riċeviment fil-Vilhena Hall fejn il-Kummissarju, is-Sur John Rizzo (li attenda flimkien mas-Sinjura Rizzo) għamel diskors ta' l-okkażjoni li kien milqugħ tajjeb minn dawk kollha preżenti. Is-Sur Rizzo rrefera għaż-żmien li anke huwa kien fir-*ranks* inferjuri li matulhom ħa esperjenza minn għand membri aktar anzjani li għenitu jwettaq ħidmitu b'impenn sa ma wasal fejn huwa 'llum. Huwa saħaq ukoll dwar il-kontribut li l-pensjonanti għad jistgħu jagħtu għal ġid tal-Korp, inkluż informazzjoni li jistgħu jgħaddu biex ikunu solvuti reati.

Fir-risposta tiegħu, s-Sur Joe M. Azzopardi assoċja ruħħu max-xewqat u l-idejat tal-Kummissarju u ħeġġeġ lill-pensjonanti preżenti li jagħtu widen għal dak li ssuġerixxa l-istess Kummissarju. huwa wkoll ippreżenta rigal ta' tifkira lis-Sur Rizzo, plakka tal-fidda bl-emblema ġdida tal-Għaqda tagħna.



Il-quddiesa fil-kappella tad-Depot. Kif juri r-ritratt, minbarra il-kappella, l-pensjonanti li attendew imlew il-kuridur sal-bieb tal-*gate*.



Ir-riċeviment li sar fis-Sala Vilhena. Il-kummissarju jidher jindirriza lin-numru kbir ta' pensjonanti li attendew.







**PLUG 'N PLAY 151, Spiteri Fremond Str., Qormi tel:2144 0396 fax:2149 6330 mob:9927 6517**
web:www.plugnplay.net e-mail:plugnplay@mail.globa.net.mt







## Ħarġa w ikla

Nhar il-Ħadd, 27 t' Ottubru, 2002, ġiet organizzata ħarġa w ikla għal membri flimkien man-nisa tagħhom, familjari w ħbieb. ġewwa ir-ristorant Fra Ben, ġewwa l-Qawra. Attendew 131 persuna.

## Żjajjar lil sħabna pensjonanti

Nhar l-Erbgħa 18 u l-Ħamis 19 ta' Diċembru 2002, membri tal-kunsill tal-għaqda, għamlu żjarat għand sitta minn sħabna pensjonanti anzjani li jinsabu rikoverati ġewwa djarhom.

Fl-ewwel żjara, dik tat-18 ta' Diċembru, Joe M. Azzopardi (Pesident), Ġiġi Muscat (Segretarju) u Publius Cutajar marru għand ex-PC 801 Joe Agius minn San Pawl il-Baħar. Agius li llum jgħodd 73 sena, kien daħal fil-Korp fl-4 ta' Mejju, 1951 u serva għal-25 sena sakem irtira fl-20 ta' Gunju, 1976. Huwa ħadem f'Tas-Sliema, Msida, San Pawl il-Baħar u l-Mosta, kif ukoll fid-Dipartiment ta' l-Immigrazzjoni u l-Price Control Section.

Żjara oħra kienet għand seħibna John Mary Mifsud, ex-PC 600, li għandu 76 sena, mill-Mellieħa. Mifsud ingaġġa fil-Korp fis-16 ta' Jannar, 1950 u serva fis-C.I.D. San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa.

Żorna wkoll lil ex-PC 1072, John Vella li għandu 67 sena u li kien fil-Korp fit-22 ta' Lulju 1958. Huwa serva f'Tas-Sliema, l-Immigration Dept., Il-ħabs u l-Mellieħa. Huwa ġie *boarded out* fl- 1 ta' Diċembru, 1980 meta kien serva fil-Korp għal 22 sena. Vella joqgħod il-Mellieħa.

L-għada il-Ħamis, 19 ta' Diċembru, Louis Vella (Teżorier), Alfred Debattista (PRO) u John Azzopardi, marru jżuru tlett membri oħra. L-ewwel żjara kienet għand ex-PC 176 Ċikku Buttiġieġ mill-Kalkara. Ċikku li 'llum għandu 78 sena daħal fil-Korp fis-16 ta' Marzu, 1943 u għalkemm għamel xogħol fir-Rikasoli u fit- Traffic Dept., l-aktar li ħadem kien f'Birżebbuġa. Serva għal 18 il-sena sakemm spiċċa mis-servizz fl-1 t' Ottubru, 1961.

Morna wkoll għand ex-PC 150 Ġianni Busuttil li għandu 79 sena u joqgħod Ħaż-Żabbar. Huwa ngaġġa fil-Korp fit-18 ta' Marzu, 1946 u serva fil-G.H.Q. is-C.I.D., u Ħaż-Żabbar sakemm irritorna fis-C.I.D., minn fejn irtira mis-servizz fis-6 ta' Diċembru, 1966. Ganni kien kburi jurina l-midalji li rċieva matul il-karriera tiegħu li huma n-*1937-45 Star*, l-*Africa Star*, id-*Defence Medal*, il-*War Medal* u l-l-*George Cross Medal*.

Fl-aħħarnett morna għand George Abela, ex-PS 297 minn Ħal-Għaxaq. li llum għandu 84 sena u li kien ingaġġa fil-Korp fis-27 ta' Mejju 1940. L-ewwel xogħol tiegħu matul il-gwerra kien mal-*Pumping Station* 'Tal-Ħlas', imbagħad fil-Belt, Ħamrun, Qormi, Żebbuġ, Siġġiewi, Żurrieq u Safi, kif ukoll l-Mqabba, B'Bugia, Żejtun u Ħal-Għaxaq, minn fejn spiċċa fit-13 ta' Lulju 1965 wara karriera ta' 25 sena. George ukoll rċieva l-istess midalji bħal sieħbu Ġanni li semmejna qabel, jiġiefiri n-*1937-45 Star*, l-*Africa Star*, id-*Defence Medal*, il-*War Medal* u l-l-*George Cross Medal*.

## William Joseph Abela (1921-2002)

William Joseph Abela joined the Royal Malta Artillery as Officer Cadet in 1938 and was promoted Lieutenant in 1940 till 1944 thereafter he was transferred to the Police Force as a Temporary Inspector. In 1945 he was put in charge of the Mounted Police Section. In 1946 he was appointed Inspector and was responsable of all Mounted Escorts for foreign dignitaries visiting Malta, as well as for organising other national events during the period 1946-1955.

In 1954 he led the Mounted Escort to the official visit of Her Majesty Queen Elizabeth II and Prince Philip. In the same year he was made a Member of the Royal Victorian Order.

He served as Senior Superintendent in 1974 and subsequently, in the same year, was appointed Director of Prisons, a post he held till 1977 when he resumed duties as Superintendent of Police till 1981 when he reached retirement age.

During the period 1977 to 1981 he was involved in the organisation of the Public Transport which included the introduction of London buses in Malta.

From 1981 to 1984 he served as Member of the Police Service Commission and from 1984 to 1987 he occupied the post of chairman of the Disciplinary Board of the Public Service Commission. During this period he also occupied the post of chairman of the Industrial Tribunal as well as that of Special Commissioner of Income Tax.








PS 849 Carmelo Bonnici


PS 899 John Vella


PS 977 Joseph Mansueto

*O' Mulej*

*Agħtihom il-mistrieħ*

*ta' dejjem,*

*id-dawl ta' dejjem*

*jiddi fuqhom,*

*jistrieħu fis-sliem,*

*Amen*


Insp. Anthony Mifsud


PC 435 Victor Spiteri


PS 500 Philip Gatt


SM 442 Carmelo Zammit


PC 129 Carmelo Vassallo


PC 649 (Gozo) Anthony Buttigieg


PC 174 Anthony Zarb


PC 459 Francis Tabone


PC 725 (Gozo) Peter Gatt


PC 543 Angelo Aquilina


PC 649 Agostino Aquilina


PS 313 John Kamm


PC 1515 Rupert Portelli
(serving member)


I want 365 different seasons.
ARMANDO TESTA
DAIKIN
With Daikin air conditioners, you bring your favourite climate in every room of your home. Daikin air conditioning units are easy to install, controllable by a single touch of your finger on the remote control and are very quiet running. Their elegant design harmonises with any interior decoration. The Inverter technology increases energy saving by a third and automatically regulates the internal temperature to suit the outdoor conditions. So, the season you have chosen will hold fast to your desires.
medairco
TEL 21492421/2/3/4
EXCLUSIVE DISTRIBUTORS
FOR DAIKIN IN THE MALTESE ISLANDS
DAIKIN
YOUR PARTNER IN AIR CONDITIONING


PHONEMAIL
B'xejn...
Użah!
Jekk tqatta ħafna ħin barra mid-dar, agħmel bħali
- uża l-PhoneMail. Il-PhoneMail jeħodlok
il-messaġġi b'xejn meta ma tkunx qiegħed id-dar,
kif ukoll meta ma tkunx tista' twieġeb it-telefon.
Freephone: 8007 4141
www.maltacom.com